Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0051(NLE)

14.1.2025

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri
(08897/2024 – C10-0125/2024 – 2024/0051(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Nikola Minchev

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 4

NOTA SPJEGATTIVA 5

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta’ data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri
(08897/2024 – C10-0125/2024 – 2024/0051(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (08897/2024),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta’ data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (08896/2024),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 87(2), punt (a), u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0125/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2025),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Kanada.

NOTA SPJEGATTIVA

a. Sfond

Din il-proċedura ta' approvazzjoni tikkonċerna l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR).

Il-Parlament Ewropew talab l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE dwar il-Ftehim PNR preċedenti tal-2014 mal-Kanada rigward il-kompatibbiltà tiegħu mat-Trattati tal-UE u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-QĠUE ħarġet l-opinjoni 1/15 fis-26 ta' Lulju 2017, li fiha sabet li l-Ftehim PNR previst bejn il-Kanada u l-UE ma setax jiġi konkluż fil-forma tiegħu minħabba li diversi dispożizzjonijiet li fih ma kinux kompatibbli mad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti mill-UE. Wara l-ħruġ ta' din l-opinjoni, l-UE u l-Kanada ġeddew in-negozjati bil-għan li jiffirmaw ftehim ġdid konformi mar-rekwiżiti tal-Qorti.

In-negozjati dwar din il-verżjoni tal-Ftehim bdew fl-2018 u wara l-konklużjoni tan-negozjati fl-2023, l-abbozz ta' test finali ġie kondiviż mal-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet żewġ proposti għal deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR).

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ġie kkonsultat u ħareġ l-opinjoni 15/2024 fid-29 ta' April 2024 li fiha wasal għall-konklużjoni li l-abbozz ta' ftehim fih is-salvagwardji meħtieġa sabiex ikun kompatibbli mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, f'konformità mal-opinjoni 1/15 tal-QĠUE. L-opinjoni kien fiha wkoll għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

b. Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur iqis li l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali li jistabbilixxi qafas legali ċar għall-iskambju tad-data tal-PNR mal-Kanada hija pass importanti 'l quddiem fl-isforzi tal-UE fil-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità serja u tat-terroriżmu.

Ir-rapporteur jixtieq jirrikonoxxi wkoll b'mod pożittiv il-ħidma importanti mwettqa fil-passat mill-Parlament Ewropew, inkluż mis-Sa Sophie In 't Veld li kienet ir-rapporteur preċedenti tiegħu għal din il-proċedura, sabiex jiġi żgurat li dan il-Ftehim iħares l-istandards tal-UE fir-rigward tar-rispett tiegħu għat-Trattati, għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kif ukoll għas-sentenzi reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Skont l-aħħar rappurtar tal-Europol[1], fl-2023 biss twettqu total ta' 120 attakk terroristiku fl-Istati Membri tal-UE, ċifra li turi l-iskala tat-terroriżmu fl-UE llum u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-awtoritajiet inkarigati bil-ġlieda kontra din il-pjaga jkunu mgħammra bl-għodod kollha disponibbli biex jipprevjenu attakki bħal dawn milli jseħħu. Il-ġbir u l-analiżi tad-data tal-PNR jistgħu jipprovdu lill-awtoritajiet elementi importanti li jippermettulhom jiskopru xejriet ta' vvjaġġar suspettużi u jidentifikaw l-assoċjati tal-kriminali u tat-terroristi, u jappoġġjaw l-

[1] Ir-rapport tal-Europol 2024 tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu fl-UE

investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet fejn ikunu twettqu attivitajiet illegali. Ir-rapporteur huwa konvint mill-ħtieġa li tiġi permessa l-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u dik ġudizzjarja u b'mod partikolari fil-każ tal-Kanada, sieħeb internazzjonali affidabbli u fdat għall-UE.

Filwaqt li jirrikonoxxi li l-ipproċessar tad-data dwar l-ismijiet tal-passiġġieri jirrappreżenta interferenza fil-privatezza tal-passiġġieri u fid-drittijiet tagħhom b'rabta mad-data, ir-rapporteur iqis li dan l-intervent limitat u regolat b'mod strett mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huwa meħtieġ u proporzjonat fid-dawl tar-rwol importanti li l-iskambju u l-analiżi internazzjonali tad-data tal-PNR jista' jkollhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità tranżnazzjonali serja u t-terroriżmu.

Fid-dawl tal-opinjoni pożittiva tal-KEPD, u filwaqt li titqies is-sentenza tal-Qorti tal-2022 li tivvalida l-qafas legali tal-Unjoni dwar l-ipproċessar tad-data tal-PNR, ir-rapporteur huwa konvint mill-objettivi ta' dan il-Ftehim, u l-garanziji li jinsabu fih. B'mod partikolari, ir-rapporteur huwa sodisfatt li l-Ftehim jinkludi salvagwardji relatati man-nondiskriminazzjoni, iż-żamma u s-sigurtà tad-data, is-sorveljanza, it-trasparenza u l-għoti ta' informazzjoni lill-passiġġieri, l-aċċess individwali għad-data tal-PNR u l-korrezzjoni tagħha, u r-rimedju amministrattiv u ġudizzjarju.

Ir-rapporteur jisħaq li jistenna li dan il-Ftehim jiġi applikat b'aderenza stretta ma' dawn is-salvagwardji, il-ġurisprudenza tal-QĠUE u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-KEPD. Ir-rapporteur, għalhekk, ifakkar lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni speċjali lil dawn l-aspetti, kif ukoll lill-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data, matul ir-rieżamijiet previsti mill-Ftehim.

Bħala konklużjoni, ir-rapporteur isib li l-konklużjoni ta' dan il-Ftehim hija żvilupp pożittiv fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu, filwaqt li jinżammu l-limiti u s-salvagwardji meħtieġa biex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-passiġġieri.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament japprova l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill.